**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**VS**
**Eugenio Buhagiar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Eugenio Buhagiar ta' 50 sena, bin Francis u Giorgia nee' Cassar, mwieled Qormi fil-5 ta' April 1960, residenti 111, King's Cross, Triq Guze Galea, Qormi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 293360M;

> Talli fis-16 ta' Gunju 2012 ghal habta tat-2.50 ta wara nofsinhar gewwa Triq Haz-Zebbug, Attard;

1) B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Rosario Carabott minn Attard skont kif iccertifikat minn Dr Colin Mizzi Reg. 5304;

2) Talli saq vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni EBN 879 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Haz-Zebbug, Attard, fid-data u l-hin indikati, meta laqat lil Rosario Carabott bl-istess vettura, li b'konsegwenza ta' hekk Carabott sofra griehi gravi. Aktar tard il-Pulizija investigat l-incidet u ressqet lill-imputat b'akkuzi ta' griehi involontarji u ta' sewqan traskurat u perikoluz.

Mill-provi prodotti jidher li mhuwiex kontestat li l-imputat tajjar lil Carabott bil-vettura tieghu fit-triq in kwistjoni. Madankollu l-imputat ighid li dan l-incident ma garax tort tieghu izda semmai tort ta' Carabott stess. Id-dinamika tal-incident sehh hekk. Carabott kellu l-vettura tieghu perkeggata f'dik l-istess triq, thares 'l isfel lejn il-wied, ftit lil'hinn mill-iskola Thi Lakin fuq ix-xellug tat-triq int u niezel minn H'Attard ghal Haz-Zebbug. L-imputat

kien qed isuq il-vettura tieghu, vann tat-tip Isuzu, bin-numru EBN 879, fl-istess direzzjoni. Carabott mar biex jiftah il-bieba tal-vettura tieghu, dar maghha minn quddiem, wasal hdejn il-'mudguard', u ntlaqat minn Buhagiar. Il-kontestazzjoni ewlenija hija jekk Carabott haregx 'il barra f'nofs it-triq biex ghamel il-manuvra biex jidhol fil-vettura tieghu, jew intlaqatx minn Buhagiar hekk kif kien ghadu ma' genb it-triq hdejn il-karozza tieghu.

Bhala dinamika tal-incident, dawk huma l-fatti. Carabott ighid li hu bil-kemm lahaq hareg ghal ma' genb il-karozza tieghu meta' safa mtajjar mill-vettura ta' Buhagiar. L-imputat, izda, ighid li Carabott hareg 'il barra hafna fit-triq minghajr pre-avviz u l-impatt ghalhekk kien inevitabbli. Il-Qorti ghalhekk trid tara ix-xiehda taghhom it-tnejn u tezamina xi provi ohra indizzjarji biex tistabbilixxi jekk ghandhiex temmen il-verzjoni ta' wiehed jew ta' l-iehor.

Huwa fatt li, fejn sehh l-incident, hemm wisa' bizzejjed biex ighaddu l-vetturi b'kumdita', anke jekk hemm vetturi ohra parkeggati mal-genb, bhal ma kien dan il-kaz. Huwa fatt ukoll li l-vizwali tat-triq hija wahda tajba hafna. Ghalkemm aktar 'l isfel it-triq tintlewa ftit u hemm benniena fil-wied, f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hemm bizzejjed distanza fit-tul u ghad-dritt biex sewwieq ikollu vizwali tajba minghajr ostakoli. Dan ifisser, ghalhekk, li jinkombi fuq is-sewwieq illi jzomm "a proper lookout" hu u jsuq, sakemm ma jigix rinfaccat b'emergenza li jkun halaqha haddiehor.

Bhal ma gie indikat hawn fuq, il-kontestazzjoni kollha hija dwar min ghandu r-responsabbilta' ghall-incident. Il-verzjonijiet moghtija minn Carabott u minn Buhagiar ma jaqblux f'haga wahda – kemm seta' hareg 'il barra fit-triq

Carabott biex intlaqat mill-vettura ta’ Buhagiar. Peress illi t-tnejn jaghtu verzjonijiet differenti minn ta’ xulxin, il-Qorti trid tezamina l-provi indizzjarji biex tara liema verzjoni hi l-aktar wahda verosimili o meno.

Fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, Carabott ighid li hu kien ser jaqbad jidhol fil-vettura tieghu ipparkeggata mat-triq. Hekk kif kien ser idur min-naha ta’ quddiem tal-vettura tieghu, qal li sama’ lil xi hadd isejjahlu ismu, u dar b’dahru lejn it-triq, izda baqa’ fuq quddiem tal-vettura tieghu, ftit ‘il barra biss fit-triq. Allura hu gie qed ihares lejn il-bankina quddiemu, bil-vetturi nezlin mix-xellug tieghu. Qal ukoll li hekk kif dar biex jara min sejjahlu, intlaqat minn Buhagiar, u ttajjar u nqata’ mill-art. Kien ghad kellu c-cavetta tal-karozza tieghu f’idu, u din ittajret minn idu u nstabet xi metri ‘l boghod minn fejn waqa’ mal-art. B’konsegwenza t’hekk, hu sofra griehi gravi, tant illi f’xi hin wara li ddahhal l-isptar, kien anke klassifikat li kien fil-periklu tal-mewt.

L-imputat ighid li hu u jsuq, kien ghadu fil-parti d-dritta tat-triq, u seta’ jara lil Carabott bil-bieba tal-karozza tieghu miftuha u jitkellem mal-mara tieghu, li kienet fuq il-bankina n-naha l-ohra tal-karozza taghhom. Qal li Carabott baqa’ jitkellem bil-bieba miftuha, imbaghad qif gie aktar qrib tieghu, Carabott hareg ‘il barra biex idur mal-istess bieba tal-vettura u ntlaqat mill-mera ta’ quddiem tal-vann tal-imputat. Fil-fatt Buhagiar ma kellu ebda hsara fil-vann hlief li nqalghet il-mera msemmija. Qal ukoll li bhala velocita’ kien ghaddej madwar ghoxrin jew tletin mil fis-siegha.

Ghalkemm, ghalhekk, ma hemmx dubju li Carabott intlaqat mill-imputat, jidher li t-tnejn mhux qed jaqblu dwar certi dettalji li jistghu jaghtu tort lil

wiehed u mhux lil iehor. Ghahekk il-Qorti trid tezamina l-provi l-ohra halli tara liema verzjoni hi l-aktar verosimili. Il-prova ewlenija f'dan is-sens hija l-griehi li sofra Carabott. Apparti l-gravita' o meno tal-istess griehi – f'hin minnhom kien ikklassifikat bhala fil-periklu imminenti tal-mewt, minhabba f'emoragija interna – il-griehi kollha jinstabu man-naha tax-xellug tal-gisem ta' Carabott. Dan ifisser li hu intlaqat mill-vann tal-imputat meta hu bil-fors kien qieghed bil-genb xellugi tieghu jaghti ghat-triq. Dan jikkorrispondi aktar mal-verzjoni li ta il-vittma stess minn dik moghtija mill-imputat. Li kieku Carabott dar mal-bieba miftuha, kif ighid l-imputat, kieku l-impatt kien ikun f'dahru, u mhux fil-genb tieghu – apparti li ukoll kien jispicca b'sidru mal-bieba miftuha, jew bl-istess impatt jimbotta l-bieba miftuha biex tinfetah aktar u tintlewa 'l barra, haga li ma sehhitx.

Inoltre, l-anqas tista' titwemmen il-verzjoni tal-imputat meta jghid li hu ra lil Carabott bil-bieba miftuha jitkellem b'dahru lejn il-karozzi gejjin fuqu. Li kieku veru rah hekk fit-triq, kellu kull opportunita' jnaqqas mill-velocita' li kien ghaddej biha u jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega u janticipa l-possibilita' ta' incident. Anke fil-velocita' tieghu, l-imputat ma jaqbilx bejn il-verzjoni li ta fl-istqarrija tieghu gimgha wara l-incident u x-xiehda tieghu viva voce quddiem il-Qorti. Fl-istqarrija jghid li kien ghaddej bi tletin jew erbghin, u ma jafx jekk hux mili jew kilometri, mentri fix-xiehda tieghu in difesa, ighid li kien ghaddej bl-ghoxrin jew tletin mil fis-siegha. In kontro-ezami, ighid li anke bil-hamsa w tletin mil fis-siegha seta' kien ghaddej. Kwantu ghall-iskizz esebit fl-atti, dan juri "brake mark", ossia "tyre mark", ta' 3.6 metri, izda aktar importanti minn hekk huwa minn fejn jibdew dawn il-marki fit-triq. Dawn jibdew ezatt mal-vettura wieqfa ta' Carabott, li jfisser li l-imputat ma rahx jitkellem f'nofs ta' triq, kif xehed.

Jew inkella, jekk verament rah, ma ha ebda prekawzjoni biex jieqaf qabel halli jevitah, izda baqa' ghaddej kif kien.

Mill-kwadru shih tal-provi kollha prodotti, il-Qorti temmen aktar il-verzjoni tal-vittma tal-incident, Rosario Carabott, minn dik moghtija mill-imputat. Il-provi indizzjarji kollha jindikaw li Carabott kien f'parti tat-triq li ttik vizwali cara u bla ostakoli, u li kien qed jaghti genbu tax-xellug lejn id-direzzjoni tat-traffiku minn fejn kien gej l-imputat. Il-griehi sofferti minnu huma xiehda ta' dan. Carabott jinnega li kien fetah il-bieba tal-vettura tieghu. Hu kien ma' genb il-mudguard tal-vettura tieghu, kwazi fejn il-fanal ta' quddiem in-naha tax-xufier, meta dar wiccu lejn il-bankina u ntlaqat mill-vann. Il-provi prodotti jikkorroboraw dik il-verzjoni moghtija mill-vittma. Is-sewqan tal-imputat kien wiehed ghal kollox traskurat u perikoluz. Kellu vizwali tajba tat-triq, kellu kull opportunita' jnaqqas il-velocita' jew jiehu kull prekawzjoni mehtiega, izda m'ghamel xejn minn dan. Ghalhekk, il-Qorti ser issib htija fl-imputat ghall-incident in kwistjoni, u tghaddi biex taghti l-piena adegwata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 226(1) a tal-Kap 9, 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta’ tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta’ sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**